## Kampjonat 1961-62

# Tony Cauchi jiskorja ħames goals f'għeluq sninu

minn **Tonio Farrugia**

### It-Tnax-il Ġurnata

**14-04-1962:**
**St. Patrick FC – Birkirkara FC 2-1**
**H.T 2-1**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: Leli Micallef (B) 4' u W. Barbara (St. Pat.) 17' u 20'.**

**St. Patrick FC:** Joe Tanti, Joe Bugeja, Joseph Cassar, George Busuttil, Joe Degiorgio, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Victor Brincat, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, George Camilleri, Jimmy Casha (Joe Drago 69'), Pace.

**Birkirkara FC:** Patist Grech, Pawlu Barbara, Tony 'Euchar' Grech, Lino Micallef (Leli 'Il-Likku' Saliba 46'), John Camilleri, Peter Fitzgerald, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, Leli Pace, Louis Bugeja, Tony Tonna, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. St. Patrick kisbu l-ewwel rebħa fil-kampjonat wara disa' telfiet u żewġ draws.
2. Skond il-ġurnal 'Il-Berqa' folla miżera ta' 200 spettatur kienu preżenti għal din il-partita u ħafna minn dawk preżenti kienu bir-radju ma' widnejhom jisimgħu l-kummentarju tal-partita Skozja – Ingilterra li kienet qed tintlagħab fl-istess ħin.
3. St. Patrick kellhom lura fit-team lill-players George Camilleri u lil Jimmy Casha li kienu ilhom nieqsa mit-telfa ta' 6-0 kontra Valletta fi Frar. Casha kellu jinbidel f'nofs it-tieni taqsima wara li weġġa'.
4. Mal-Istripes irritorna Leli Saliba 'Il-Likku' li daħal bħala sostitut wara l-mistrieħ. Huwa kien lagħab fl-ewwel tliet logħbiet tal-kampjonat u wara kien ħabbar li rtira mill-football.

**15-04-1962:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Jos. Francis Xavier Galea**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 83' u Ż. Alamango (F) 89'.**

**Floriana FC**: Charlie Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Żarenu Alamango, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana (Charlie 'In-Najsu' Bennetti 54'), Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Sliema Wdrs. FC**: Alfred Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Norman Scott, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, George Micallef, Joe Cini, John Bonnett, Edward Aquilina, Silvio Debattista.

1. Il-goalkeeper Freddie Debono tal-Wanderers salva penalty mogħti minn Freddie Vella James wara biss tliet minuti mill-bidu tal-partita. Qabel ngħata l-penalty kien hemm protesti ħorox mill-players tal-Wanderers meta sostnew li l-player tagħhom Robbie Buttigieg ma messx il-ballun b'idu. Il-linesman Joseph Agius li kien eqreb l-azzjoni ma ssenjala xejn filwaqt li l-linesman Tommy Restall li kien in-naħa l-oħra tal-ground ġera sa fejn ir-referee biex jgħidlu li fil-protesti Salvu Bonnici kien ixxuttja l-ballun 'l bogħod.
2. F'nofs it-tieni taqsima segwew aktar protesti ħorox din id-darba mill-players ta' Floriana meta Żarenu Alamango deher li skorja goal regolari iżda l-goal tħassar għal offside fuq senjalazzjoni tal-linesman Agius.
3. Floriana dehru li kienu ser iwaqqgħu l-ewwel punt tal-kampjonat meta l-attakkant tagħhom Tony Cauchi fetaħ l-iskor seba' minuti mit-tmiem. Mal-goal Cauchi deher jiġri b'rabja lejn il-partitarji ta' Floriana li ftit qabel kienu għadhom kemm għajru lilu u lil Billy Dalli għax sa dak il-ħin kellhom partita kwieta.
4. Fil-fatt għall-ewwel darba f'dan l-istaġun l-attakkant Billy Dalli ta' Floriana naqas milli jsib ix-xibka.
5. Floriana niżlu għal-logħob mingħajr Charlie Bennetti li kien imweġġa'. Il-player xorta daħal jilgħab fit-tieni taqsima meta l-iskor baqa' ma nfetaħx.
6. Skond il-ġurnal 'Bulletin' ir-referee tal-partita kien John Galea.

**22-04-1962:**
**Hibernians FC – St. George's FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skorja: E. Theobald (H) 17', L. Sultana (H) 65' u N. Mizzi (St. Geo) 89'**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi (Lolly Rizzo 60'), Leli 'L-Għawdxi' Attard, Andrew Ellul, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Victor Grima, Fredu Church, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb (Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci 46').

**St. George's FC:** Pawlu Nappa, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Joe Brincat, Freddie Delia, Leonard Mizzi, Joe Mizzi, Albert Schreiner (Attard 35'), Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Carm Lino Gafa (Freddie Demanuele 46'), Ernie Glynn, Wally Hili.

1. Freddie Mizzi irritorna bejn il-lasti ta' Hibernians wara li kienu ilu erba' xhur fuq kors tal-Laundry f'Portsmouth l-Ingilterra. Madankollu r-ritorn tiegħu kien sfortunat meta kellu jħalli l-ground fis-60 minuta wara li kien weġġa' meta ntefa' f'saqajn Attard eżatt qabel il-mistrieħ. Fil-perjodu li dam l-Ingilterra Mizzi kien jittrenja mal-club ta' Portsmouth fejn anke lagħab fil-Hampshire Football League.
2. St. George's kienu mingħajr il-goalkeeper Albert Borg u mingħajr il-player-coach Peppi Delceppo li kien imweġġa' iżda kellhom lura lil Freddie Demanauele li kien għamel xi żmien l-Isptar Bighi u lil Bertu Schreiner li kien ilu nieqes mil-15 ta' Marzu 1961 mit-telfa ta' 2-0 kontra Sliema. Fil-fatt din kienet ukoll l-aħħar logħba ta' Schreiner fil-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni.
3. Minkejja li l-ewwel goal ta'Hibernians ingħata lil Eddie Theobald, fid-deskrizzjoni tal-goal fuq il-ġurnali jingħad li x-xutt ta' Theobald ħabat mal-lasta, ma' dahar il-goalkeeper Nappa u spiċċa fix-xbka.
4. Din il-ġimgħa ntlagħbet partita waħda biss minħabba li f'Sibt il-Għid ma ntlagħabx football tal-MFA.

**25-04-1962:**
**Valletta FC – St. George's FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skorja: P. Gauci (V) 22'.**

**Valletta FC:** Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Charlie Williams, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Freddie 'Il-Waniż' Borg, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Tony Calleja (Nenu Chircop 44'), Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**St. George's FC:** Albert Borg, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Freddie Delia, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Leonard Mizzi, Albert

Attard (Attard 30'), Freddie Demanuele (Joe 'Il-Felli' Ciantar 79'), Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Joe Mizzi, Wally Hili.

1. Għal Valletta rritorna Pawlu Carbonaro li kien ilu nieqes xahrejn iżda tilfu lill-player Dwinu Schembri li ġimagħtejn qabel weġġa' kontra El Hilal fit-Tour li kienu għamlu fil-Libja.
2. Din kienet l-ewwel minn sensiela ta' erba' partiti li kellhom jintlagħbu l-Erbgħa f'nofs il-ġimgħa, sabiex jitlaħħaq il-programm ta' partiti tal-Kampjonat qabel jilħaq jidħol is-sajf.
3. Il-player sostitut ta' St. George's Attard tkeċċa minuta mit-tmiem wara li mbotta lir-referee Pawlu Bonnett.
4. Tony Calleja kellu jħalli l-ground imweġġa' ftit qabel il-mistrieħ minħabba li reġa' ħass l-injury li sofra fit-tour ta' Valletta fi Tripli.

St. George's FC lagħbu partita aktar. Ħamrun Spartans lagħbu partita anqas.

**Klassifika**: Floriana FC 24 pt.; Valletta FC 22 pt.; Sliema Wdrs. FC 13-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Birkirkara FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC 8 pti.; St. George's FC 5 pti.; St. Patrick FC 4 pti.

**L-Aqwa Skorers:** B. Dalli (Floriana FC) 13 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 12 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) 9 goals; J. Mizzi (Hibernians FC) 8 goals; P. Gauci (Valletta FC) 7 goals; N. Chircop (Valletta FC) 6 goals.

## It-Tlettax-il Ġurnata

**28-04-1962:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 3-1**
**H.T 0-1**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: C. Grech (Ħ) 25', P. Gauci (V) 52', N. Chircop (V) 87' u J. Zammit (V) 88'.**

**Valletta FC:** Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Charlie Williams, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Alfred 'Il-Waniż' Borg, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Nenu Chircop, Frankie Zammit (Johnnie Darmanin 46'), Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**Ħamrun Sp. FC**: Lino Mizzi, Johnnie Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Martin Attard, Silvio Micallef, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Twanny 'Il-Ginger' Cassar (Freddie Galea 85'), Carmelo 'In-Nene' Grech, George Cuschieri, Gejtu Briffa.

1. Valletta kienu qed jilagħbu mingħajr Tony Calleja li kien weġġa' tlitt ijiem qabel fil-partita tal-kampjonat kontra St. George's u mingħajr Dwinu Schembri li kien kiser il-polz ta' jdejh, fil-15 ta' April, kontra El Hilal fl-aħħar partita li Valletta kellhom fit-Tour tal-Libja. Fil-fatt iż-żewġ players tilfu l-bqija tal-logħob tal-kampjonat.
2. L-Ispartans jistgħu jħossuhom sfortunati li m'għalqux il-partita kmieni wara l-mistrieħ meta l-player tagħhom George Cuschieri laqat il-wieqfa bil-goalkeeper Zarb Cosuin megħlub. Minflok 2-0, l-iskor sar 1-1 ħames minuti wara meta Pawlu Gauci ġab id-draw biex ukoll kien qed jiskorja għas-sitt logħba konsekuttiva għal Valletta.

**29-04-1962:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: E. Aquilina (S) 68' u J. Bonnett (S) 80'.**

**Sliema Wdrs. FC:** Alfred Debono, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Norman Scott, Charlie 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Joe Aquilina, George Micallef, Joe Cini, John Bonnett, Edward Aquilina, Silvio Debattista.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Louis Theobald, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Leli Sultana (Salvu Attard 65'), Victor Grima, Freddie Church, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri.

1. Robbie Buttigieg kien nieqes mit-team tal-Wanderers minħabba li kien qed jilgħab mat-team tas-Servizzi RAF Soccer Command Team f' Ġibiltá.

**02-05-1962:**
**Floriana FC – St. Patrick FC 5-1**
**H.T 2-1**
**Ref: Jos. Francis Xavier Galea**
**Skurjaw: V. Brincat (St. Pat.) 21' u T. Cauchi (F) 35', 42', 50', 80' u 84'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Lolly Borg, Edward Azzopardi, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**St. Patrick FC:** Joe Tanti, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Joe Degiorgio, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Victor Brincat, Wistin 'Il-Babaw' Barbara (George Busuttil), George Camilleri, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Pace.

1. Din kienet it-tieni partita li kienet qed tintlagħab f'nofs il-ġimgħa sabiex jintlaħqu jintlagħbu l-partiti tal-kampjonat qabel ma tibda s-sħana tas-sajf. Il-partita bdiet fl-4.30 p.m.
2. Tony Cauchi iċċelebra bl-isbaħ mod għeluq is-27 sena tiegħu meta skorja l-goals kollha ta' Floriana f'din it-13-il rebħa konsekuttiva tagħhom fil-kampjonat.
3. George Camilleri ta' St. Patrick falla darbtejn milli jiskorja l-istess penalty. L-ewwel tentattiv tiegħu spiċċa barra bir-referee jordna li jerġa' jingħata minħabba li l-goalkeeper Nenu Fabri ċċaqlaq qabel, filwaqt li fit-tieni tentattiv kien il-goalkeeper Nenu Fabri li salva x-xutt tiegħu.

**06-05-1962:**
**Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 6-3**
**H.T 2-2**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: G Dimech (Ħ) 3', L. Bugeja (B) 11', G. Briffa (Ħ) 25', L. Micallef (B) 38', T. Cassar (Ħ) 50', J. Mifsud (Ħ) 60' u 70', L. Bugeja (B) 73' u Ġ. Dimech (Ħ) 83'.**

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, Johnnie Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Martin Attard, Sunny Attard, John 'Il-Bipu' Mifsud, Silvio Micallef, Ġuzi 'Ir-Rumba' Dimech, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Gejtu Briffa.

**Birkirkara FC:** Patist Grech (Alfred Abela 26'), Pawlu Barbara, Tony 'Euchar' Grech, Leli Pace, John Camilleri, George Dalli, Lino Sciberras, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Tony Tonna, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef.

1. Fit-52 minuta Ħamrun Spartans ingħataw penalty għal hands ta' Pawlu Barbara li minnu Twanny Cassar laqat il-lasta.
2. Birkirkara kienu qed jilagħbu mingħajr Toni Caruana u Frans Bonnici 'Il-Lula'. Bonnici kien jinsab għal sena f'Dortmund il-Ġermanja mal-Armata.
3. Il-goalkeeper ta' Birkirkara Patist Grech ġie mibdul fis-26 minuta wara li weġġa' fl-azzjoni tat-tieni goal tal-Ispartans skurjat minn Gejtu Briffa.
4. L-Ispartans reġgħu għelbu lil Birkirkara bl-istess skor ta' 6-3, tlettax-il ġurnata wara f'partita mill-kwarti tal-finali tal-FA Trophy. Id-differenza kienet li fil-partita tat-Trophy l-Ispartans kellhom bżonn il-ħin barrani biex rebħu b'dak l-iskor wara li kienu huma li anke ġabu d-draw eżatt mad-90 minuta b'goal ta' Ġuzi Dimech.
5. F'din il-ġimgħa kien hemm partita waħda biss mill-Ewwel Diviżjoni minħabba li, is-Sibt, 5 ta' Mejju, l-Istadium kien għad-dispożizzjoni tat-team nazzjonali Malti li lagħab partita kontra Sliema Wanderers. Il-partita saret bi tħejjija għall-konfront mill-Kampjonat Ewropew kontra d-Danimarka tat-28 ta' Ġunju 1962.

**Klassifika:** Floriana FC 26 pt.; Valletta FC 24 pt.; Sliema Wdrs. FC 15-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Ħamrun Sp. FC 10 pti.; Birkirkara FC 9 pti.; St. George's FC 5 pti.; St. Patrick FC 4 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Cauchi (Floriana FC) 17 goals; B. Dalli (Floriana FC) 13 goals; T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) 10 goals; J. Mizzi (Hibernians FC) u P. Gauci (Valletta FC) 8 goals; N. Chircop (Valletta FC) 6 goals.